TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024**

**Talba Nru: CCT7/24/DS**

**John Scicluna**

**Vs**

**Top Choice Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' Jannar, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tħallsu l-ammont ta' €309 f'rimbors tal-prezz imħallas għal magna tal-ħasil VOX mixtrija fit-30 ta' Settembru, 2022 liema magna tal-ħasil m'hijiex konformi mal-funzjonalita mistennija mill-prodott tax-xorta tagħha;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-13 ta' Frar, 2024;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma it-talba tiegħu taħt ġurament u ta' x'xhieda ampja tiegħu dwar kif ġraw il-fatti inkluż il-fattur tad-dewmien sabiex il-

konsumatur jieħu risposta mingħand is-soċjeta' intimata anka wara difersi tentattivi ma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata.

Illi għalkemm is-soċjeta' intimata debitament notifikata preżentat risposta ma preżentatx ruħha għal dawn il-proċeduri, ma kkonfermatx ir-risposta tagħhha taħt ġurament, ma pre'entata l-ebda xhud jew provi sabiex jissostanzjaw it-teżi tagħha w'għaldaqstant dan it-Tribunal ma kellux mod kif jivverifika l-verżjoni prodotta fir-risposta.

Illi l-verzjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi t-Tribunal ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż l-Artikoli 74 et seq u jirritjeni illi t-talba tal-attur għandha tiġi kkunsidrata waħda valida fil-liġi stante illi saret fiż-żmien preskritt, ġiet notifikata lill-bejjiegħ fiż-żmien ukoll preskritt mill-liġi, ġie ritenut mill-bejjiegħ illi m'hemmx problemi meta fil-fatt jirriżulta lil dan it-Tribunal illi l-prodott mhux konformi mal-funzjonalita' mistennija mill-prodott tax-xorta tiegħu anka bl-istess dikjarazzjoni tas-soċjeta' intimata illi rrakkomandat lill-attur juża l-programm normali minflok dawk li jaqgħu taħt id-deskrizzjoni 'rapid' u dan sabiex id-detergent użat jilħaq jiddissolvi sewwa, meta l-prodott fl-aħħar mill-aħħar għandu jkun funzjonanti fit-totalita' tiegħu.

Illi t-talba tal-attur hija primarjament għall-ammont ta' €309 illi huwa l-prezz imħallas mill-attur għall-magna tal-ħasil mertu ta' din il-kawża u tenut kont ix-xhieda mhux kontradetta tal-attur u l-provi miġjuba mill-istess attur, dan it-Tribunal iħoss illi r-rimedju għandu jkun it-terminazzjoni tal-kuntratt u r-rimbors tal-flus imħallsa mill-konsumatur u xejn anqas min hekk anka tenut kont tal-fatt illi għalkemm is-soċjeta' intimata kienet offrietlu għażla ma magna tal-ħasil ġdida meta huwa mar sabiex jagħżilha ma nagħtax mudell differenti tad-ditta VOX kif xtaq hu meta r-raġuni għaliex ma nagħtax din il-magna tal-istess ditta għalkemm mudell differenti, ma kienetx waħda illi dan it-Tribunal jirritjeni valida, u għaldaqstnat is-somma mitluba hija waħda ġustifikata.

Illi t-Tribunal ikkunsidra wkoll id-danni morali frott tad-danni fiżiċi ikkawżati mill-prodott minħabba n-nuqqas ta' funzjonalita' tiegħu kif mistenni minn prodott tax-xorta tiegħu kif ukoll minħabba l-inkonvenjent illi sofra sforz l-attitudini tar-rapprezentanti tas-soċjeta' intimata lejħ meta huwa beda jagħmel tentattiv wara l-ieħor biex jeżerċita' d-drittijiet tiegħu bħala konsumatur.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 378.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tlett mija u disa' Ewro (€309) f'rimbors tal-prezz imħallas għall-magna tal-ħasil, lill-attur kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' ħamsin Ewro (€50) lill-istess attrur bħala danni morali għall-ħsara u inkonvenjenza li kkawżatlu .

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**